*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tal-Laqgha numru 13/14 tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 9 ta' Dicembru 2014 fil-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Joseph Farrugia (J.F.) |
| Vici-Sindku | Kevin Barun (K.B.) |
| Kunsilliera | Joseph Baldacchino (J.P.)<br>Carmelo Cachia (C.C.)<br>Charles Muscat (C.M.)<br>Stanley Zammit (S.Z.) |
| Skuzata | Bernardette Pace (B.P.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Numru 12/2014
2. Arisings mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. GreenPak Agreement
5. Ftuh ta' kwotazzjonijiet (6/14,7/14. 8/14 u 9/14)
6. Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Reports
7. Approvazzjoni tal-kwotazjonijiet ghax-xiri ta' kompjuter gdid jew upgrade ghall-antik
8. Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv Gdid
9. CCTV Cameras
10. Approvazzjoni ta' bye-law ghar-reklami fuq l-ghamara tat-toroq
11. Performance appraisals ghall-impjegati
12. Skeda ta' pagamenti Novembru 2014
13. Estensjoni ta' sejhiet ghall-offerti
14. Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segrearju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera
15. Aggornament

**Talba**

Is-Sindku flimkien ma dawk prezenti qal it-talba

**01** **Qari tal-Minuti**

01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 12/14, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondata mis-Sur Carmelo Cachia il-minuti gew unanimament approvati

01/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**02** ***Arisings* mill-Minuti**

02/01 Ma kienx hemm.

**03** **Korrispondenza**

03/01 Permezz ta' ittra datata 30 ta' Ottubru 2014, il-Perit Claude Mallia, f'isem is-Sur Noel Mallia, talab lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita' illi tinhareg no objection letter, sabiex l-istess Sur Mallia jkun jista' jaghmel uzu minn parti mill-Bajja s-Sabiha sabiex fiha ipoggi sunbeds u umbrelel. Iz-zona li kienet ser tkun okkupata mill-attivita' tas-Sur Mallia kienet tammonta ghal 75metru b'20 metru. Il-Proposta kienet tinkludi fost l-ohrajn garanzija illi fiz-zona msemmija ma titwahhal ebda struttura permanenti u z-zamma ta' indafa fiz-zona okkupata mill-attivita'.
Wara diskussjoni libera fuq proposta tas-Sur J.Baldacchino issekondata mis-Sindku u li għaddiet b'votazzjoni ta' erbgħa favur u tnejn kontra kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma jsib ebda oġġezzjoni għat-talba tas-Sur Mallia bil-kundizzjoni illi fiż-żona okkupata ma jitpoġġewx aktar minn 150 *sunbed* u 75 umbrella jew ma tigix okkupata żona ta' aktar minn 35 metru b'20 metru.

03/02 Permezz ta' petizzjoni datata 16 ta' Settembru 2014, residenti minn Triq il-Borok, talbu lill-Kunsill Lokali jikkunsidra illi tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fit-triq in-kwistjoni. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat ittra lir-residenti tat-triq kollha sabiex tintalab l-opinjoni taghhom dwar il-materja.

03/03 e-Mail datata 14 ta' Novembru 2014 li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jikkommetti ruhu li jikkontribwixxi fi ghal pjan ta' azzjoni ghal neutering ta' qtates. Wara li giet evalwata l-proposta, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu possibilment jghin lill-ghaqda imsemmija. Madanakollu, minhabba l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali ma kellu jkun hemm ebda kontribut finanzjarju b'risq l-inizjativa.

03/04 Is-Sur Joseph Camilleri ipprezenta rapport tal-pulizija flimkien ma xi ritratti li permezz taghhom allega illi kawza ta' hofra li kien hemm fi Triq il-Qajjenza sofra xi hsarat fil-vettura tieghu. Wara li giet evalwata t-talba tas-Sur Camilleri kien hemm qbil unanimu illi din ma kelliex tigi milqugha.

**04** **GreenPak Agreement**

04/01 Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva proposta minghand GreenPak Co-Operative Society Ltd. li kienet tikkoncerna l-gbir ta' skart riciklabbli mil-lokalita'. Is-Sindku zied jghid illi l-proposta kienet simili ghal dik li l-Kunsill Lokali kellu fil-prezent mal-istess kumpanija.
Wara li giet evalwata l-proposta msemmija, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba GreenPak Co-Operative Society Ltd. taccetta illi jsir it-tindif madwar siti stabbiliti tliet darbiet fil-gimgha (It-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha) minflok tnejn (kif propost) il-Kunsill Lokali kellu jidhol fi ftehim ma' GreenPak Co-Operative Society Ltd ghas-snin 2015-2016. Gie deciz ukoll illi l-Kunsill lokali kellu jniehdi diskussjonijiet mal-kumpanija msemmija bil-ghan illi eco-councillors jibdew jaghmlu zjarat fid-djar tar-residenti bi skop edukattiv.

**05** **Ftuh ta' kowtazzjonijiet (06/12,07/12,08/12 u 09/12)**

05/01 L-Agent segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsilliera prezenti fethu l-offerti li l-Kunsill lokali kien ircieva ghal-sejha ghall-kwotazzjonijiet numru 06/12 (Servizz ta' trasport ghall-anzjani). Wara li gew evalwati l-offerti kollha, is-Sindku ressaq proposta sabiex is-sejha ghall-offerti tigi aggudikata lill-kumpanija Swallow Garage li kellha l-aktar offerta vantaggjuza.

05/02 L-Agent segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsilliera prezenti fethu l-offerti li l-Kunsill lokali kien ircieva ghal-sejha ghall-kwotazzjonijiet numru 07/12 (Provvista ta' bankijiet normali u ghall-'picnic areas'. Wara li gew evalwati l-offerti kollha ricevuti, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri l-bankijiet mudell numru B009 minghand is-Sur Anton Zarb.

05/03 L-Agent segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsilliera prezenti fethu l-offerti li l-Kunsill lokali kien ircieva ghal-sejha ghall-kwotazzjonijiet numru 08/12 (Provvista ta' kontenituri tal-iskart). Wara li gew evalwati l-offerti kollha, is-Sur Stanley Zammit ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jaccetta l-offerta ta' SR Environmental Solutions Ltd. u gie maghzul il-mudell ARCO IRIS C2012 ghall-prezz ta' €197.93. Is-Sur Kevin Barun issekonda l-proposta tas-Sur Zammit li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

05/04 L-Agent segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsilliera prezenti fethu l-offerti li l-Kunsill lokali kien ircieva ghal-sejha ghall-kwotazzjonijiet numru 09/12 (Provvista ta' arbli tad-dawl, qsari ghax-xtieli u Stands ghar-roti. Wara li gew evalwati l-proposti kollha, kien hemm qbil unanimu illi dwar il-materja kellhom isiru xi kjarifiki ma uhud mill-offerenti u ghaldaqstant ma ittehditx decizjoni.,

**06** **Approvazzjoni ta' Quarterly Financial Reports**

06/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru - Dicembru 2013. Is-Sur Hall imbaghad ghadda biex jaghti speja dettaljata tar-rapport u fisser kif l-infiq tal-Kunsill Lokali ghat-tieni kwart tal-2014 kien bejn wiehed u iehor hekk kif ippjanat. Wara kunsiderazzjoni, fuq proposta tas-Sur Carmelo Cachia, issekondat mis-Sur Charles Muscat il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument hekk kif propost

06/02 L-Agent Segretarju Ezekuttivipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar -Marzu 2014. Wara li s-Sur Hall ta' spjega dettaljata tar-rapport in-kwistjoni, is-Sindku ressaq proposta sabiex id-dokument jigi approvat hekk kif propost. Is-Sur Kevin Barun issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

06/03 L-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu April-Gunju 2014. Is-Sur Hall imbaghad ghadda biex jaghti speja dettaljata tar-rapport. Is-Sur Stanley Zammit ressaq proposta sabiex id-dokument jigi approvat hekk kif propost. Is-Sur Carmelo Cachia ssekonda l-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima

06/04 L-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Lulju – Settembru 2014. Is-Sur Hall imbaghad ghadda biex jaghti speja dettaljata tar-rapport. Wara li wiegeb xi domandi li saru mill-Kunsillier Stanley Zammit, is-Sur Kevin Barun ressaq proposta sabiex id-dokument jigi approvat hekk kif propost. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Barun li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**07 <u>Approvazzjoni tal-kwotazjonijiet ghax-xiri ta' kompjuter gdid jew upgrade ghall-antik</u>**

07/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi minhabba l-bidla ricenti li kien hemm fl-amministrazzjoni, din il-materja ma kenitx giet ittrattata u kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi minflok kompjuter jinxtara virtual storage. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-materja kellha tigi trattata f'seduta ohra.

**08 <u>Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv gdid</u>**

08/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li kienet inharget sejha ghal ingagg ta' segretarju Ezekuttiv gdid, il-Kunsill Lokali kien ircieva numru ta' applikazzjonijiet. Madanakollu, wara li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet evalwat l-applikazzjonijiet sottomessi sad-data tal-gheluq, irrizulta illi tnejn biss mill-kandidati kienu eligibbli sabiex jimlew il-post vakanti. Dawn kienu is-Sa. Joan Mangion u s-Sur Jeffrey Bonnici. Kien hemm qbil unanimu li kellha ssir intervista liz-zewg kandidati nhar it-Tnejn 15 ta' Dicembru 2014.
Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-membri tal-bord li jaghmlu l-intervisti ikun kompost mill-Agent Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsilliera Joe Baldacchino, Stanley Zammit u Kevin Barun. Is-sur Carmelo Cachia issekonda l-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. Is-Sur Kevin Barun ressaq proposta sabiex is-Sindku ukoll ikun jifforma parti mill-imsemmi bord. Il-proposta giet issekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit u ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

**09 <u>CCTV Cameras</u>**

09/01 Il-Kunsilliera Kevin Barun u Stanley Zammit spjegaw lill-Kunsill Lokali d-dettalji dwar il-materja. Wara diskussjoni qasira, is-Sur Kevin Barun ressaq proposta sabiex il-Kunsill lokali japplika ghal CCTV Cameras bl-infurzar. Is-Sur Charles Muscat issekonda l-proposta tas-Sur Barun li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

**10** **Approvazzjoni ta' bye-law tar-Reklamar fuq ghamara tat-toroq**

10/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill abbozz ta' sett ta' bye-laws li jirregolaw ir-reklamar fuq l-ghamara tat-toroq fil-konfini tal-lokalita'. Wara li gew evalwati l-bye-laws proposti, kien hemm qbil unanimu illi kellu jigi avvjat il-process sabiex, kemm il-darba ma tinstab ebda oggezzjoni u l-awtoritajiet koncernati japprovaw l-imsemmija bye-laws dawn jidhlu fis-sehh.

**11** **Performance Appraisals tal-Impjegati**

11/01 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien evalwa ħidmet it-tliet impjegati klerikali tal-Kunsill Lokali. Huwa żied jgħid illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet tagħmel l-almu tagħha sabiex toffri l-aħjar servizz possibbli lir-residenti u l-performance tagħhom kienet teċċedi l-ħidma mitluba minnhom.

11/02 Is-Sur Kevin Barun ressaq proposta li ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Cachia sabiex is-Sa. Stephanie Aloisio tingħata il-massimu ta' 6% tal-performance bonus. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

11/03 Is-Sur Sindku ressaq proposta li giet issekondata mis-Sur Stanley sabiex is-Sinjura Simone Fenech tinghata l-massimu ta' 6% tal-performance bonus. Il-mozzjoni ghaddiet unanimament.

11/04 Is-Sur Carol Muscat ressaq proposta sabiex hekk kif propost is-Sinjura Eleonor Manicaro tinghata performance bonus pro-rata ta' 6%. Il-Mozzjoni giet issekondata mis-Sur Joe Baldacchino u ghaddiet unanimament.

Is-Sur Hall irringrazzja lil dawk prezenti f'isem l-amministrazzjoni.

**12** **Skeda ta' pagamenti ghal Novembru 2014**

12/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda skeda ta' pagamenti (Skeda 11/2014) ghall-approvazzjoni.

Fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Joe Baldacchino, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fi skeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**13** **Estensjoni ta' sejhiet ghall-offerti**

13/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ghamlet analizi tal-kuntratti li kellu l-Kunsill Lokali kien irrizulta illi kien hemm tliet kuntratti li kienu ser jaghlqu f'Jannar 2015. Dawn kienu l-kuntratti li l-Kunsill Lokali kellu ghas-Servizzi ta' Handy Person, Accountant u Hire of Machinery (Tipper Truck). Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-amminstrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tiehu hsieb tipprepara d-dokumenti mehtiega ghal sejha ghall-offerti mill-gdid tal-imsemmija servizzi.

13/02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi fi Frar 2015, kien ser jiskadi l-kuntratt li l-Kunsill lokali kellu ghas-servizz ta' gbir ta' skart goff u talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possbilita' illi l-kuntratt ezistenti jiggedded b'sena hekk kif legalment permessibbli. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux igedded il-kuntratt ezistenti u minflok kellha tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid. Dan ma kienx dovut ghall-inefficjenza tal-kuntrattur izda ghall-mod kif kienet saret is-sejha ghall-offerti precedenti.

**14 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segrejarju Ezekuttiv u Mistoqsijiet/Interventi tal-Kunsilliera</u>**

14/01 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi l-Ghaqda Storja u Kultura kienet zammet kommemorazzjoni fl-okkazjoni tal-gheluq il-25 sena ta' avveniment storiku tal-laqgha tal-mexxejja Bush u Gorbachov.

14/02 Is-Sur Kevin Barun heggeg lill-Kunsilliera prezenti sabiex fl-iqsar zmien possibbli jibghatulu l-artikli taghhom sabiex ikun jista' jinkludihom fil-publikazzjoni tal-Kunsill Lokali

14/03 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsilliera prezenti illi kellu talba ghall-bollards mis-Socjeta' M.U.S.E.U.M. Wara diskussjoni qasira fost il-Kunsilliera prezenti, gie stabbilit illi t-talba ma setghetx tigi milqugha

14/04 Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jniehdi process sabiex l-istess Kunsill Lokal ikun ezentat minn bye-law ezistenti u applikabbli ghal-lokalita' li kienet tipprojbixxi li jsir tisjir f'zoni partikolari tal-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-proposta tas-Sur Barun kemm il-darba din tigi approvata.

14/04 Is-Sur Carmelo Cachia qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb li jsir iz-zbir ta' sigar biswit bring-in-sites li kien hemm fi Triq il-Port Hieles. Kien hemm qbil unanimu illi s-sigar imsemmija mis-Sur Cachia kellhom jigu mizbura hekk kif propost.

14/05 Is-Sindku qal illi kien jinhtieg illi ssir kurduna gdida f'parti mill-bankina ta' Triq il-Qroll. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni sabiex isir ix-xoghol propost mis-Sindku.

14/06 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Agent Segretarju Ezekuttiv jekk kenitx saret analizi dwar l-allokazzjoni u l-ispejjez ta' Triq it-Torri wara li l-Kunsill Lokali kien ircieva petizzjoni minn residenti fl-istess triq sabiex Triq it-torri ma tibqax taghmel parti minn Birzebbuga izda minn Marsaxlokk.
Wara li l-agent Segretarju Ezekuttiv ghadda d-dettalji mitluba mis-Sur Zammit lill-Kunsill Lokali, fuq proposta tal-istess Sur Zammit, issekondata mis-Sindku kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu ebda problema sabiex jilqa' t-talba tar-residenti.

14/07 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kenitx thallset il-parti mill-bilanc mill-Kumitat Kongut li l-istess Kumitat ghandu fil-kont bankarju u jekk kenux qieghedin isiru d-diskussjonijiet necessarji sabiex isir ftehim kis ser jithallas il-kumplament tal-bilanc.

Is-Sur Joe Baldacchino informa lill-Kunsill lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni kien qieghed jevalwa s-sitwazzjoni sabiex ikunu jistghu jinkisbu l-fondi in-kwistjoni.

14/08 Is-Sur Stanley Zammit ippropona illi ssir applikazzjoni ghal lampa biex tirriplejsja lampa li tnehhiet fi Triq id-Duluri. Il-lampa ghandha titwahhal kif mitluba mal-faccata tas-Sur Mario Camilleri. Kien hemm qbil illi kemm il-darba tigi approvata kellha tiwahhal lampa hekk kif propost mis-Sur Zammit

14/09 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-istima ghal *Mushroom type roundabout* Triq San Gwann/Triq San Dwardu/Triq iz-Zibra kienet tammonta ghal €663. Dan ix-xoghol seta' jsir mil-haddiema tal-Kunsill jew mill-inmates taht is-supervizzjoni tal-Perit Lewis jew tal-Contracts Manager.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi x-xoghol kellu jsir minn inmates li kienu qieghdin ikunu assenjati mal-Kunsill Lokali.

14/10 Is-Sur Stanley Zammit talab lill-Kunsill Lokali approvazzjoni ghal pagament ta' parti mill-ispejjez sabiex jigu rrestawrati it-travu u l-qanpiena tan-naha tal-lemin. L-ispiza kienet ta' €342.20 (galvanizing u zebgha ta' travi u xoghol iehor ta' struttura).
Wara diskussjoni qasira, fuq proposta tas-Sur Kevin Barun issekondata mis-Sindku, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-ispiza msemmija.

14/11 Is-Sur Stanley Zammit issuggerixxa illi l-Kunsill jibghat ittra, iffirmata mill-Kunsilliera kollha, lill-Kummissarju l-gdid tal-Unjoni Ewropea, l-perit Karmenu Vella. Dan peress illi il-Perit Vella kien persuna residenti f'Birzebbuga u l-Kunsill ghandu juri l-apprezzament ghax xoghol li l-Perit ghamel fil-lokalita', fid-distrett u f'Malta tul il-karigi li okkupa u tal-ghajnuna li dejjem ta lil ghaqdiet f'Birzebbuga.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat l-ittra proposta mis-Sur Zammit.

14/12 Is-Sur Stanley Zammit ressaq proposta lill-Kunsill Lokali sabiex isiru lampi godda fi Triq Giuseppe Despott, Triq l-Ghannejja u Triq San Patrizzju (Dawl fuq is-Slip Way tar-Regatta u Sailing Club).
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kien jaqbel fil-principju mal-proposti tas-Sur Zammit. Madanakollu, minhabba l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokal, il-proposti tieghuma setghux ikunu implimentati b'mod immedjat

14/13 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sur Ray Abela minn TCTC kien offra lill-Kunsill Lokali illi jittellghu il-korstijiet LEARNIT U IKIDS. Is-Sur Abela kien offra lill-Kunsill lokali illi l-korsijiet in-kwistjoni jittellghu ghal spiza ta' €300 kull kors.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi minkejja l-validita' tal-proposta tas-Sur Abela, minhabba l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali, din ma setghetx tigi milqugha.

14/14 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi hekk kif stabbilit kienet saret intervista lis-Sa. Eleonor Manicaro li kienet l-unika applikanta ghal sejha interna li kien hareg il-Kunsill Lokali ghal hatra ta' Executive Officer. Wara li gie evalwat ir-rapport li kien sar mill-bord li kien ghamel l-intervisti u li kien irrakkomanda illi s-Sa. Manicaro tigi ingaggjata fil-grad ta' Executive Officer, is-Sindku ressaq proposta sabiex ir-rakkomandazzjoni tal-bord tigi implimentata

b'effett mill-1 ta' Jannar 2015. Is-Sur Kevin Barun issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti

**15** **Aggornament**

15/01 Is-Seduta spiccat fid-9:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it- Tnejn 5 ta' Jannar 2015 fis-6:00p.m.

____________________
**Joseph Farrugia**
**Sindku**

____________________
**Duncan Hall**
**A/Segretarju Ezekuttiv**

Data: ____________________